*meta nipparagunawha ma' soċjetajiet ta' mparha, p.e. is-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ, il-German Maltese Circle, eċċ.*

*•Sab il-librerija u l-arkivju miżmumin f'diżordni kbir u kollha mikulin bis-susa.*

*•Sab nuqqas ta' kommunikazzjoni u koperazzjoni ta' l-Akkademja mal-Gvern u l-Università.*

*•Sab li l-Akkademja lanqas tirrispetta lilha nnifisha bħala l-ogħla istituzzjoni li tħares l-Ilsien u l-Letteratura Maltija.*

*•Sab nuqqas ta' kommunikazzjoni bejn l-istess membri akkademiċi.*

*•Sab faqar kbir fir-rivista "Il-Malti".*

*•Sab nuqqas ta' pjanifikazzjoni ta' ħidma intelliġenti għall-ġejjieni.*

*•Sab l-idea li l-Akkademja għandha tkun biss ġemgħa ta' rjus "akkademiċi" mingħajr l-għajnuna tal-massa tan-nies li lesti jappoġġjaw il-kawża tal-Malti.*

*•Sab nuqqas ta' għarfien ta' kif se tiġi sfruttata r-rieda tajba li għad hawn f'ħafna Maltin biex jiġi konservat dak kollu li hu Malti.*

**Dawn u oħrajn huma l-proġetti li għandu fi ħsiebu l-Kunsill ta' l-Akkademja – dejjem jekk ma ninħlewx iżjed fuq tfettiq u telf ta' żmien.**

**Il-qasam huwa kbir. Il-Malti huwa mhedded aktar minn qatt qabel. Ejjew immiddu għonqna għax-xogħol u nimxu 'l quddiem.**

**X'beħsiebu jagħmel il-Kunsill?**

1. *Isaħħaħ il-fondi ta' l-Akkademja billi:*

(a) *Iżid il-membri akkademiċi u assoċjati, jgħolli l-miżati u għalhekk iżid id-dħul.*

(b) *Iżid id-dħul minn skema fejn awturi jafdaw il-pubblikazzjoni ta' xogħolhom bil-patt li jċedu d-drittijiet tagħhom lill-Akkademja.*

(c) *Jipperswadi lill-Gvern li l-Akkademja għandha bi dritt tiġi sussidjata mill-Gvern b'fondi sostanzjali u bi mpjiegi permanenti, u dan mingħajr indħil mill-Gvern.*

(d) *Jipperswadi lill-awtoritajiet ta' l-Università l-ħtieġa ta' l-Akkademja biex tippromwovi u żżomm il-livell għoli fil-kitba tal-Malti.*

## WERREJ


*Editorjal* i

ACHILLE MIZZI
*Bir* 1
*Tixjin* 2
*Arlekkin* 3

P. SERRACINO INGLOTT
*Il-Vjaġġi u l-Mużika fl-Għar ta' l-Enimmi* 4

GEORGE ZAMMIT
*Il-Fanal* 9

ĠORĠ BORG
*Nida* 10

JOHN BUTTIGIEG
*Lampara* 11

ĠORĠ MIFSUD
*Il-Priedki ta' Dun Xand Cortis* 12

MARIO AZZOPARDI
*Tema bil-Kompjuter* 20
*Ardabjola* 21

FRANS SAMMUT
*Il-Biża tal-Griegi* 22

OLIVER FRIGGIERI
*Pariġi* 27




(e) Jikseb il-patronaġġ ta' impriżi kbar parastatali, banek u kumpaniji privati.

2. Jieħu ħsieb sabiex l-Akkademja jkollha sede li terfgħalha isimha f'għajnejn il-poplu u b'hekk jogħla wkoll il-prestiġju tal-Malti u l-letteratura.

Dan għandu jissejjaħ "Istitut tal-Malti" u jkollu sala għal-laqgħat, librerija, arkivju, salott, eċċ., fejn jistgħu jsiru skambji, taħditiet, qari u korsijiet tal-lingwa.

3. F'dan l-Istitut għandu jkun hemm żewġ uffiċċji bi staff li 'l quddiem għandu jsir permanenti.

(a) **Uffiċċju Relazzjonijiet Pubbliċi**
– biex jikkoltiva l-image ta' l-Akkademja;
– biex jgħolli l-prestiġju tal-Malti,
– biex jippromwovi l-letteratura Maltija fuq ix-xandir u fl-istampa;
– biex jorganizza attivatijiet fl-iskejjel għat-tisħiħ tal-Malti u l-letteratura.

(b) **Uffiċċju Studju tal-Lingwa**
– biex imexxi l-istudju xjentifiku tal-lingwa id f'id ma' l-Università;
– biex jippubblika rivista serja, letterarja u xjentifika;
– biex jimmonitorja l-lingwa miktuba u mitkellma;
– biex jieħu ħsieb skambji mal-Gvern u l-Università;
– biex jorganizza korsijiet u seminars għall-għalliema, ġurnalisti, eċċ.
– biex jiskambja ma' universitajiet, akkademji u istituti lingwistiċi barranin studji xjentifiċi u letterarji kif ukoll tattiċi għall-ħarsien tal-patrimonju lingwistiku u letterarju Malti.

Biex nistgħu nimxu 'l quddiem kull membru ta' l-Akkademja għandu jżomm f'moħħu dawn il-linji ta' direzzjoni li fuqhom se timxi fil-ġejjieni.

**Lejn id-Direzzjoni t-tajba**

Punti ta' azzjoni:

Fil-ħidma tagħna għandna nżommu quddiemna dawn l-għanijiet:

(i) Inneħħu l-idea li fit-taħdit tal-Malti jgħodd kollox, għax aħna biss nifhmuh. Indarru lill-poplu jfittex il-kelma Maltija bla ma jinqeda bl-ewwel kelma barranija li tiġi fi lsienu;